**Deċiżjoni mogħtija mill-Ispeaker Anġlu Farrugia fis-seduta 357 tat-18 ta' Ġunju 2025 dwar tweġibiet għal mistoqsijiet parlamentari**

Fis-seduta Nru 355 tas-16 ta' Ġunju 2025, l-Onor. Ryan Callus talab ruling mis-Sedja dwar il-fatt li minkejja li kien għamel mistoqsija parlamentari 29110 diversi drabi lill-Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni (mistoqsijiet parlamentari preċedcenti bin-numri 28124, 28246, 28417, 28713 u 28741), huwa baqa' ma ngħatax tweġiba. Is-Sedja rat it-tweġibiet mogħtija għal dawn il-mistoqsijiet li kienu dwar jekk għadux japplika l-Artikolu 6.4 tal-Leġiżlazzjoni Sussidjarja 605.02 - Regolamenti li jistabbilixxu l-kondizzjonijiet minimi Nazzjonali għall-Iskejjel kollha, u kkonstatat illi dawn il-mistoqsijiet kienu għadhom mhux imwieġba.

Is-Sedja, kif għamlet f'ruling ieħor riċenti mogħti f'seduta Nru 352 tad-9 ta' Ġunju, dwar mistoqsijiet parlamentari mhux imwieġba mill-istess Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni, terġa' tfakkar lill-Ministri dwar l-importanza li l-mistoqsijiet parlamentari jiġu mwieġba fi żmien raġonevoli, anke jekk billi l-Ministru jagħti tweġiba parzjali, bil-kumplament tal-informazzjoni tingħata f'seduta sussegwenti meta tinġabar.

Is-Sedja, filwaqt li ttenni kif għamlet diversi drabi, li m'għandhiex mansjoni fuq tweġibiet li jingħataw għal mistoqsijiet parlamentari, tisħaq fuq l-importanza tar-rwol ta' skrutinju li għandha l-Kamra permezz tal-mistoqsijiet parlamentari.

Għaldaqstant, għal darb'oħra, is-Sedja tiġbed l-attenzjoni tal-Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni għal dan ir-ruling u tħeġġu jara li jiġu mwieġba l-mistoqsijiet li saret referenza għalihom mill-Onor. Ryan Callus.